MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**NADIA H. VELLA**

Seduta ta' l-14 ta' Mejju, 2013

Talba Numru. 567/2012

**Awtorita′ għat-Trasport f'Malta**

**vs.**

**William Mifsud K.I. 360457(M)**

It-Tribunal

Ra l-Avviż tat-talba fl-ismijiet premessi li permezz tiegħu l-awtorita′ attriċi talbet il-ħlas mingħand il-konvenut tas-somma ta' ħames mija u sebgħa u disgħin Ewro u tmien ċenteżmi (€597.08), rappreżentanti d-danni u l-ħsara kkawżati mill-konvenut meta fid-19 ta' Frar 2010 waqt li kien qed isuq il-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni IAP-179, ħabat ġo *traffic lights* u arblu li jinsabu ġewwa Triq ix-Xatt ġewwa l-Imsida.

Illi għal dawn id-danni u ħsara huwa responsabbli l-konvenut kawża ta’ imprudenza, negliġenza u non-osservanza tar-regolamenti tat-traffiku u tal-vetturi bil-mutur.

Ra li mill-atti jirriżulta li għalkemm il-konvenut ġie debitament notifikat kemm bl-Avviż tat-Talba u wkoll bl-Avviż tas-Seduta, huwa ma kkontestax il-kawża fit-terminu preskritt mil-liġi u lanqas ma deher għas-seduti li nżammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li ġie ppreżentat mill-awtorita′ attriċi u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih, u għalhekk għandu jittieħed bħala mistqarr.

Għaldaqstant, peress li t-talba tal-awtorita′ attriċi tirriżulta sodisfaċentement ippruvata, it-Tribunal jilqa` t-talba attriċi u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut iħallas lill-awtorita′ attriċi is-somma ta’ ħames mija u sebgħa u disgħin Ewro u tmien ċenteżmi (€597.08), bl-imgħax legali dekorribbli mid-data tal-ittra uffiċjali fl-ismijiet premessi, ippreżentata fl-20 ta’ Jannar 2012, sad-data tal-pagament effettiv. L-ispejjeż, inkluż tal-ittra uffiċjali ċitata u tal-ittra interpellatorja datata 9 ta’ Settembru 2010, huma a kariku tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------